



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

15.4.2013

0006/2013

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar waqfien immedjat tat-tortura u t-trattament ħażin tal-krieb li jikkaċċaw bil-vista fl-Ewropa

Michèle Striffler (PPE), Louis Michel (ALDE), Dan Jørgensen (S&D), Raül Romeva i Rueda (Verts/ALE), Kartika Tamara Liotard (GUE), Santiago Fisas Ayxela (PPE), Sirpa Pietikäinen (PPE), Cristian Dan Preda (PPE), Iva Zanicchi (PPE), Sonia Alfano (ALDE), Gianni Vattimo (ALDE), Andrea Zanoni (ALDE)

Data ta' skadenza: 15.7.2013

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar waqfien immedjat tat-tortura u t-trattament ħażin tal-klieb li jikkaċċaw bil-vista (greyhounds) fl-Ewropa¹

1. Il-klieb li jikkaċċaw bil-vista (*greyhounds*) jintużaw għall-kaċċa u għall-kompetizzjonijiet f'diversi Stati fl-UE, u jġarrbu atti ta' tortura mwettqa mis-sidien tagħhom meta dawn tal-aħħar iqisu li l-klieb tagħhom ma jkunux kapaċi f'dawn il-prattiki.
2. It-tortura tal-klieb li jikkaċċaw bil-vista għandha diversi forom: il-klieb jaf jiġu abbandunati mis-sidien tagħhom, jew saħansitra jiġu fgati u mħollija jmutu;
3. Il-problema tkompli tiggrava minħabba l-fatt li l-Istati Membri ma jikkontrollawx il-kummerċ, jew it-traffikar, ta' dawn il-klieb fl-Ewropa;
4. Ir-regoli tat-trobbija u ż-żamma ta' dawn il-klieb ivarjaw ħafna fil-partijiet differenti tal-Ewropa, u fil-parti l-kbira, ma jiġux inforzati kif jixraq;
5. Il-klieb li jikkaċċaw bil-vista huma annimali domestiċi u għandhom jingħataw il-protezzjoni adegwata;
6. Il-Kummissjoni għaldaqstant qed tiġi mitluba tagħmel dak kollu li tista' biex tiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-bennesseri tal-annimali tal-UE tiġi implimentata korrettament. Għandha wkoll tirrakkomanda azzjonijiet konkreti biex iġġib fi tmiemhom l-att ta' mohqrja kontra l-klieb li jikkaċċaw bil-vista fl-Ewropa.
7. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 123(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.